MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 179/2010

**Doreen Baldacchino (ID 392580M) f'isimha propjru u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Kelvin Baldacchino**

**vs**

**Trevor u Maria Dolores Degiorgio (ID 66878M u 440870M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tal-attrici ippresnetat fil 25 ta' Frar 2010, li tigi mart il-mejjet Neville Baldachino, illi biha hija talbet lill-dina l-Qorti sabiex tordna lill Trevor u Maria Dolores Degiorgio is-somma ta' hamest elef, u tnejn u erbghin Euro u

sebgha u ghorin centezmu (€5,042.27) rappresentanti xoghol ta’ gibs, tqieghid ta’ madum u xoghlijiet ancillari illi ghamel ir-ragel taghha Neville Baldacchino qabel ma miet kif ukoll flejjes illi l-istess Neville Baldacchino ghadda ‘brevi manu’ lill-konvenuti, liema flejjes qatt ma inghaddew lill-Neville Baldacchino qabel ma miet.

Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Ittra Ufficjali 4200/09 u bl-imghax legali mis 17 ta’ Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta ta’ Trevor u Maria Dolores Degiorgio fejn laqghu ghat-talbiet lilhom maghmulha billi qalu illi huma ma ghandhom jaghtu ebda flejjes lid-defunt Neville Baldacchino u qatt ma sselfu xi flejjes mill-istess Neville Baldacchino, u ghalhekk it-talbeit attrici ghandhom jigu michuda.

Rat l-affidavit ta’ **Doreen Baldacchino** u **Paul Baldacchino** ippresentat fl 1 ta‘ Lulju 2010.

Rat l-affvdait ta’ **Fathi Zaineddin** ippresentat fl-24 ta’ Settembru 2010.

Rat illi fil 15 ta’ Dicembru 2010 ir-rikorrenti iddikjarat illi ma kienx fadallha aktar provi.

Rat l-affidavit ta’ **Trevor Degiorgio** ippresentat fid 29 ta’ Marzu 2011.

Semghet ix-xhieda viva voce ta’ **Romuald Attard**, rappresentant tal-Bank of Valletta plc moghtija fis 27 ta’ April 2012.

Rat illi fis 27 ta’ April 2012 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta u l-kawza thalliet ghal kontro ezamijiet.

Rat illi fit 18 ta’ Gunju 2012, wara illi r-rikorrenti naqsu milli jidhru, il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta’ tan-noti.

Rat illi fis 16 ta’ Ottubru 2012 l-intimat ippresenta n-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu.

Rat illi fit-18 ta’ Ottubru, wara rikors ippresentat mir-rikorrenti, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ir-rikorrenti tkun tista taghmel il-kontro ezami ta‘ Trevor Degiorgio.

Semghet il-kontro ezami ta‘ **Trevor Degiorgio** fl-14 ta‘ Jannar 2013.

Rat illi fis-seduta tal 14 ta‘ Jannar 2013 il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta‘ tan-noti.

Rat illi r-rikorrenti baqghet ma ghamiletx nota ta‘ sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel u qabel kollox, din il-Qorti ghandha tirrileva illi l-meritu tal-kawza odjerna tirrigwarda flejjes allegatament dovuti mill-intimati lill persuna mejta, li tigi ir-ragel tal-intimata. Ghalhekk ma ingiebet ebda prova li r-rikorrenti attwalment kienetx l-eredi universali tal-mejjet ragel taghha kif ukoll jekk l-istess rikorrenti accettatx il-wirt tar-ragel mejjet taghha jew le, il-Qorti qieghda tifhem illi r-

rikorrenti hija l-unika werrieta tar-ragel taghha Neville Baldacchino, flimkien mal-minuri Kelvin Baldacchino.

Illi, tenut kont ta’ dan il-fatt, il-Qorti ma tistax ukoll ma tirrilevax illi x-xhieda kollha prodotti mir-rikorrenti huma lkoll xhieda li semghu dwar dak li seta gie miftiehem bejn il-mejjet Neville Baldachino w l-intimati, peress illi hadd minnhom ma kien presenti meta sar ftehim dwar ix-xoghlijiet li kellu jaghmel il-mejjet Neville Baldacchino lill-intimati u kemm kellu jithallas ta‘ dan.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti ippresentat kopja tan-notamenti illi l-mejet Neville Baldacchino kien jaghmel fuq ix-xoghol tieghu, bil-ghan illi jintefa aktar dawl fuq dak li kien miftiehem.

**Ikkunsidrat**

Illi, bhala fatti, jidher illi l-intimati kienu qabbdu lill-mejjet Neville Baldacchino sabiex jaghmel xoghlijiet ta‘ tqieghid ta‘ madum gewwa duplex penthouse illi l-intimati kellhom sovrastanti l-appartament tar-rikorrenti, li l-istess intimati kienu bieghu lir-rikorrenti meta zviluppaw il-blokka kollha.

Illi, skond ix-xhieda ta‘ Trevor Degiorgio, illi huwa l-unika persuna illi jista attwalment jixhed dwar x’kien attwalment il-ftehim bejnu u bejn il-mejjet Neville Baldacchino, peress illi dana sar bil-fomm u mhux bil-mitkub, huwa kien qabbad lill Neville Baldacchino sabiex jaghmel il-madum tal-art u l-gipsum fl-appartament tieghu, ghal liema xoghol huwa kien ser jithallas elfejn u hames mitt Liri Maltin.

Illi, skond l-istess xhieda ta‘ Degiorgio, meta ftiehmu dwar ix-xoghol illi kellu jsir, Degiorgio talab lill-intimat sabiex

jghaddilu pagament akkont ta‘ Lm500 sabiex ihallas ghal materjal, liema pagament huwa ghaddhielu cash.

Illi sussegwentement, meta tlesta x-xoghol, l-intimati kienu hallsu lill-Neville Baldacchino l-bilanc permezz ta’ zewgt pagamenti mehudha mil-loan li l-intimati kienu hargu sabiex jaghmlu l-post, liema pagamenti kienu ta’ elf u hamsin Liri Maltin u disgha mija u hamsin Liri Maltin datati rispettivament 20 ta’ Gunju 2007 u 13 ta’ Lulju 2007.

Illi, skond l-intimati, wara illi saru dawn il-pagamenti, huma ma kellhom xejn aktar x’jhallsu lill-Neville Baldacchino.

Illi r-rikorrenti, da parte taghha, tghid illi r-ragel taghha kien ikellimha fuq ix-xoghol tieghu u, lejn l-ahhar ta’ Novembru 2008, ossija ftit qabel ma miet, il-mejjet ragel taghha, fil-ghaxija, kien cempel lill-intimat Trevor Degiorgio sabiex jitolbu ghall-hlas u, ghalkemm ma semghatux, wara l-istess Neville Baldacchino mar jghidilha illi Trevor Degiorgio qallu li kien ser igib loan mill-Bank f’Jannar 2009 u wara kien ser ihallsu. Hu kien anke qalilha li kien sellef hames mitt Euro lill-intimati.

Ir-rikorrenti, biex tikkorrobora tali assersjonijiet, pproduciet bhala provi lill-missier id-defunt, ossija lill Paul Baldacchino, kif ukoll lill certu Fathi Zaineddin. Hija pproduciet ukoll kopja tad-diary entry illi kien ghamel ir-ragel taghha, fuq id-data tal-Hadd, 16 ta‘ Dicembru 2007, fejn jinghat testwalment “*Traver irid jatini ... Lm1,950 + €500 self*”

Missier id-defunt, jigifieri Paul Baldacchino, stqarr illi t-tifel tieghu kien dejjem ikellmu dwar ix-xoghol u filghaxija kien imur ghandhom biex jiekol u kien icempel lill minghand min kellu jigbor il-flus. Fost in-nies li kien icempel, kien anke cempel lill Trevor Degiorgio illi kien qallu li kellu

jottjeni loan mill-Bank f'Jannar 2009 u wara ihallsu. L-istess Degiorgio, skond Paul Baldacchino, kien anke qal lill-Neville Baldacchino illi kellu bzonn jissellef hames mitt Euro (€500) sabiex jahdem ftit bihom.

Fl-ahhar nett, Fathi Zaineddin xehed illi huwa kien tqabbad jaghmel xoghlijiet ta' tqieghid ta'madum u bathrooms gewwa il-blokka tal-intimati Degiorgio peress illi Baldacchino kien tqabbad jiehu hsieb il-'finishings' tal-blokka. Huwa kien qabbad terzi sabiex jaghmlu x-xoghol ta' kisi u tibjid. Wara illi spicca x-xoghol, huwa mar ghand Neville Baldacchino sabiex jithallas u dana qallu illi meta jithallas minhghand Trevor, ihallsu. Zaineddin stqarr illi dan kien madwar ghaxart ijiem qabel ma miex Baldacchino, li miet fid 19 ta' Dicembru 2008. Huwa stqarr illi wara il-mewt ta' Neville Baldacchino, missieru kien kellmu u staqsieh dwar il-flejejs li t-tifel tieghu kellu jigbor minghand Trevor Degiorgio. Zaineddin, ghalhekk, kellem lill-Trevor Degiorgio izda dana ta' l-ahhar qallu illi kien hallsu kollox lill-Neville Baldacchino u ta' dan huwa kellu ricevuti.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti, fil kaz odjern, hija rinfaccjata b'xhieda da parte tar-rikorrenti illi hadd minnhom ma jaf x'kien il-ftehim bejn il-mejjet Neville Baldacchino u l-intimat Trevor Degiorgio, u jistriehu kemm fuq dak illi allegatament kien jghidilhom Neville Baldacchino, kif ukoll fuq id-dokumentazzjoni tad-diary ta' l-istess Neville Baldacchino.

Min-naha l-ohra, l-intimat esebixxa dokumenti illi juru l-pagamenti illi attwalment ghamel lil Neville Baldacchino, liema pagamenti jidhru kkorroborati min dokumentazzjoni

tal-Bank of Valletta plc peress illi thallsu min loan illi kienu ottjenew l-intimati biex ilestu il-post taghhom.

Illi, madanakollu, il-Qorti ma tistax tinnota certi diskrepanzi illi jidhru fix-xhieda. Dana qieghed jinghad, peress illi ix-xhieda kollha tar-rikorrenti jaghtu x'jifhmu illi l-intimati kellhom jottjenu loan f'Jannar tas-sena 2009 sabiex ikunu jistghu jhallsu lill Baldacchino, metri skond dokumentazzjoni ippresentata mill-Bank l-intimati ottjenew loan f'April 2007. Apparti minn hekk, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, ghalkemm gie ppruvat illi l-intimati ghamlu zewgt pagamenti ta' elf u hamsin Liri Maltin u Disgha mija u hamsin Liri Maltin rispettivament fl-20 ta' Gunju 2007 u 13 ta' Lulju 2007, ir-rikorrenti ma ippresnetaw ebda dokument illi b'xi mod jikkonferma li tali pagamenti qatt saru.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi kieku kien minnu li Neville Baldacchino kien izomm id-dokumentazzjoni kif allegat mir-rikorrenti, certament x'imkien fid-diary kien jirrizulta sija x'tip ta' xoghol kellu jsiru u r-rati li biha Baldacchino kien ftiehem mal-intimati, kif ukoll il-pagamenti illi kienu ghamlu l-intimati.

In-nuqqas ta' dokumentazzjoni organizzata da' parte ta' Neville Baldacchino kienet tali illi, anke kieku kienet vera dak li qieghda targumenta r-rikorrenti, ebda mid-dokumentazzjoni minnha ppresentata ma tista qatt tikkorrobora dak minnha allegat.

Il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi gie ippruvat mill-intimati li l-hlasijiet li huma kellhom jaghmlu lill Neville Baldacchino kienu attwalment saru u ghalhekk ma ghandhom ihallsu ebda flejjes ohra.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u d-dokumentazzjoni kollha lilha ppresentata,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi filwaqt illi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati

**Tichad** it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------